

31996D0413

6.7.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 167/55

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ġunju 1996

dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tissaħħaħ il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea

(96/413/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130(3) tiegħu,

Waqf li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽³⁾,

(1) Billi il-kapitoli ta' l-Istat jew il-Gvern, li ltaqgħu bħala l-Kunsill Ewropew fl-10 u fil-11 ta' Diċembru 1993 fi Brussel, ikkonfermaw il-*White Paper* 'Tkabbir, kompetittività u impiegi' bħat-termini tar-referenza għall-azzjonijiet mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, b'appoġġ għal approġġ lejn l-iżvilupp ta' l-industrija bbażat fuq kompetittività globali, fattur li jiġġenera t-tkabbir u l-impiegi;

(2) Billi fit-22 ta' April 1994 il-Kunsill adotta konklużjonijiet biex tittejjeb il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea, bbażata fuq l-imsemmija *White Paper*;

(3) Billi, fuq il-bażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Settembru 1994, il-Kunsill adotta r-risoluzzjoni tal-21 ta' Novembru 1994 ⁽⁴⁾ fuq it-tisħiħ tal-kompetittività ta' l-industrija tal-Komunità, li b'mod partikolari enfazzat li industrija innovattiva kompetittiva fil-Komunità hija pre-rekwiżit għal tkabbir ekonomiku dejjiemi u l-ħolqien ta' mpiegi ġodda; billi il-kondizzjonijiet ta' qafas għall-kompetittività u kompetizzjoni għandhom jittejjbu sabiex l-Unjoni Ewropea tibqa' post attraenti għall-kummerċ li jwassal għall-ħolqien ta' ditti ġodda u impiegi ġodda;

(4) Billi fl-10 ta' Ottubru 1994 il-Kunsill adotta riżoluzzjoni li tappoġġa l-programm integrat tal-Kummissjoni favur l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju u tas-setturi ta' l-artiġġjanat;

(5) Billi il-Kunsill Ewropew ta' Cannes tas-26 u 27 ta' Ġunju 1995 laqa' b'interess kbir ir-rapport tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Kompetittività (Grupp Ciampi);

(6) Billi fid-29 ta' Ġunju 1995 il-Parlament Ewropew adotta ir-risoluzzjoni fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika ta' kompetittività industrijali għall-Unjoni Ewropea;

(7) Billi l-produzzjoni industrijali u s-servizzi jikkumplikaw b'mod dejjem jikber lil xulxin; billi, konsegwentament, settur kompetittiv industrijali huwa indispensabbli sabiex jisfrutta b'mod sħiħ il-possibilitajiet tal-ħolqien ta' l-impiegi fis-settur tas-servizzi;

(8) Billi s-swieq interni fl-enerġija u it-telekomunikazzjoni għandhom jitlestew bil-ħsieb tat-tisħiħ rapidu tal-kompetittività ta' dan is-settur ta' l-industrija b'mod ġenerali;

(9) Billi l-koeżjoni ekonomika u soċjali u il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea huma marbuta fis-sens illi l-industrija kompetittiva Ewropea tista' tikkontribwixxi għall-koeżjoni u l-koeżjoni tista' tipprovdi lill-industrija l-benefiċċji ta' bażi kummerċjali u ġeografika aktar wiesgħa;

(10) Billi ż-żamma u t-titjib tal-kompetittività industrijali hija primarjament il-ħidma tal-kummerċ u għandhom ikunu l-Komunità u l-Istati Membri li jassiguraw li l-kondizzjonijiet meħtieġa jipprevalu; billi huwa partikolarment urġenti li l-Komunità u l-Istati Membri, fil-qafas tas-setgħat rispettivi tagħhom, jadottaw miżuri għal dak il-għan;

(11) Billi l-għaġġala tal-progress tekniku, l-globalizzazzjoni dejjem tiżdied tas-swieq, l-intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni internazzjonali u l-importanza dejjem tikber tal-protezzjoni ta' l-ambjent jeħtieġu sforzi akbar minn dawk kollha li għandhom responsabbiltà fl-oqsma ekonomiċi, politiċi u soċjali bil-għan li jiġu faċilitati l-aġġustamenti strutturali meħtieġa, *inter alia*, biex jiżguraw żvillupp sostenibbli u biex jinħolqu mpiegi ġodda;

(12) Billi aktar attenzjoni għall-ħtiġiet tas-suq f'termini ta' politika ta' riċerka u l-istabbiliment ta' soċjetà ta' l-informazzjoni ikollha influwenza determinanti fuq l-attivitajiet industrijali ta' l-Unjoni Ewropea;

⁽¹⁾ ĠU C 308, ta' l-20.11.1995, p. 470.

⁽²⁾ ĠU C 39, tat-12.2.1996, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 100, tat-2.4.1996, p. 14.

⁽⁴⁾ ĠU C 343, tas-6.12.1994, p. 1.

- (13) Billi huwa meħtieġ li jiġu evitati id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u li jkun promoss il-ftuħ ta' swieq kemm ġewwa u barra l-Komunità;
- (14) Billi l-iżvilupp tar-riżorsi umani, speċjalment permezz ta' taħriġ vokazzjonali, jikkostitwixxi aspett essenzjali ta' l-aġġustamenti strutturali li huma meħtieġa biex tiżdied il-kompetittività industrijali;
- (15) Billi huwa meħtieġ li jiġu ċċarati l-bażijiet legali għall-miżuri meħuda fl-isfera industrijali biex jimplimentaw l-azzjoni mħabbra fil-komunikazzjoni dwar il-politika ta' kompetittività industrijali għall-Unjoni Ewropea;
- (16) Billi l-investiment għandu rwol strateġiku fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni industrijali li, minħabba l-effett tiegħu li jimmultiplika, jikkostitwixxi strument ta' prijorità fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku u fl-għaqda bejn in-nazzjoniet,
- (a) li jimmodernizza r-rwol industrijali ta' l-awtoritajiet pubbliċi bil-għan li jiġi eliminat xkiel legali u amministrattiv żejjed fuq l-intrapriżi, b'mod partikolari l-intapriżi żgħar u ta' daqs medju;
- (b) biex tiġi assicurata kompetizzjoni bla tfixkil kemm interna kif ukoll esterna għall-Komunità;
- (c) biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ndustrijali;
- (d) biex tippromwovi fatturi ntangibbli ta' kompetittività.

L-Artikolu 2

Kull sena il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport li jevalwa r-riżultati miksuba flimkien ma' proposti xierqa, fejn meħtieġ.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

L-Artikolu 1

Il-linji ta' gwida fil-programm ta' azzjoni stipulat fl-Anness huma b'dan adottati, biex isaħħu il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea, li hija prerekwiżit għal tkabbir ekonomiku dejjiemi u l-ħolqien ta' mpiegi ġodda u jikontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u soċjali; il-programm għandu l-miri li ġejjin:

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Frar 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PINTO

L-ANNESS

PROGRAMM TA'AZZZJONI GĦAT-TISĦIĦ TAL-KOMPETITTIVITÀ INDUSTRIJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

Linji ta' gwida prinċipali

1. L-implimentazzjoni ta' l-inizjattivi mħabbra fil-Komunikazzjoni dwar il-politika tal-kompetittività industrijali għall-Unjoni Ewropea fl-oqsma ta':
 - investimenti intanġibbli,
 - l-kooperazzjoni industrijali,
 - aspetti industrijali tal-kompetizzjoni,
 - l-immodernizzar tar-rwol ta' l-awtoritajiet pubbliċi.
 2. L-iffaċilitar ta' l-emerġenza ta' soċjetà li titgħalliem, prinċipalment bil-promozzjoni ta' taħriġ kontinwu.
 3. L-iżvilupp ta' kooperazzjoni industrijali fid-dawl ta' sitwazzjoni partikulari f'pajjiżi fl-:
 - Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, l-Istati Baltiċi u il-pajjiżi CIS,
 - il-Mediterran u l-Amerika Latina,
 - l-Asja,
 - l-ACP u n-nofs inhar ta' l-Afrika.
 4. It-tisħiħ u l-appfondiment tar-relazzjon bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, prinċipalment permezz ta' appoġġ għad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Kummerċ.
 5. It-twaqqif b'kollaborazzjoni tal-kumitat kompetenti għall-politika kummerċjali, ma' l-amministrazzjonijiet nazzjonali u ma' l-industrija, ta' *database* dwar l-ostakoli li jiffaċċaw kumpanniji Ewropej f'pajjiżi terzi, suq b'suq.
 6. L-eżami tal-kwistjoni tar-rilokazzjoni ta' l-industrija u s-servizzi u rapport fuq ir-riżultati lid- Diretturi Ġenerali ta' l-Industrija.
 7. Titjib fil-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari bil-għan li jitħaffef il-proċess ta' l-istandardizzazzjoni u biex jissaħħu l-isforzi għall-koordinazzjoni ta' inizjattivi nazzjonali biex jgħinu lill-kumpaniji li jiffaċċaw ostakoli fil-kummerċ fl-Unjoni Ewropea.
 8. L-eżami u titjib tal-komplementarjetà bejn l-attivitajiet industrijali u s-servizzi relatati.
 9. Rapport ta' kull sena dwar l-iżvilupp tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea, bażat b'mod partikolari fuq l-informazzjoni miksuba għall-*Panorama ta' l-Industrija Ewropea*.
 10. *Progress reports* regolari lid-Direttorati Ġenerali ta' l-Industrija dwar il-progress ta' dan il-programm ta'azzjoni u dwar aġġustamenti possibbli għall-programm għas-snin li jiġu wara.
-